Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 218/2005

**Citadel Insurance p.l.c. surrogata fid-drittijiet ta' Lorraine Bonnici Drogo u l-istess Lorraine Bonnici Drago**
**Vs**
**Stephen Schembri**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fl-14 ta' Jannar, 2005 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm 814.47 (tmien mija u erbatax-il lira Maltija u sebgħa u erbgħin ċenteżmu) rappreżentanti danni kawżati f'inċident stradali nhar it-2 ta' Awissu, 2003.

Fl-Avviż tat-talba intqal:-

Illi fit-2 ta' Awissu, 2003 seħħ inċident awtomobilistiku bejn il-vettura DAT 614 misjuqa minn Stephen Schembri u l-vettura JBE 051 misjuqa minn Lorraine Bonnici Drago.

Illi minħabba polza ta' assikurazzjoni maħruġa favur l-attriċi, is-soċjeta' assikuratriċi attriċi kellha tħallas id-danni sofferti mill-attriċi fl-ammont ta' Lm 814.47 (tmien mija u erbatax-il lira Maltija u sebgħa u erbgħin ċenteżmu) salv Lm 25 (ħamsa u għoxrin lira Maltija) dovuti direttament lill-attriċi bħala excess.

Illi għal dan l-inċident kien jaħti unikament il-konvenut.

Illi għalhekk dan it-Tribunal għandu jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi l-ammont indikat in linea ta' danni ta' Lm 814.47 (tmien mija u erbatax-il lira Maltija u sebgħa u erbgħin ċenteżmu)

Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra interpellatorja mibgħuta lill-assikuraturi tal-konvenut.

Ra r-risposta fejn ingħad illi:-

1) L-inċident tat-traffiku in kwistjoni ġara bi ħtija ta' l-attriċi Lorraine Bonnici Drago.
2) **<u>Bla preġudizzju għall-premess</u>** il-quantum tad-danni pretiż mill-attur huwa eċċessiv bil-bosta.
3) Inoltre ma hemmx lok għall-kundanna ta' l-eċċipjent għall-ħlas ta' danni favur l-atturi.
4) Salvi eċċezzjonijiet oħra permess mill-liġi.
5) Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi ma' din il-kawża kienet miexja l-kawża (Avviż Nru 749/04) "Anthony Schembri et vs Bonnici Drago Lorraine" li huma l-istess kolliżjoni bl-istess partijiet bħala xufiera.

Illi fil-kawża l-oħra t-talbiet attriċi ġew miċħuda stante illi l-atturi naqsu li jippruvaw il-każ tagħhom fuq bilanċ ta' probabilita`.

Similarment fil-każ odjern, l-atturi naqsu li jipprovaw il-każ tagħhom similarment.

Jiddeċiedi għalhekk billi jiċħad it-talbiet attriċi u in vista taċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ il-kap ta’ l-ispejjeż għandu jibqa’ bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------